



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-27 ta' April 2017 – Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(Kawża C-202/16)<sup>1</sup>

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Immaniġġar ta’ skart – Direttivi 2008/98/KE u 1999/31/KE – Sit ta’ rimi ta’ skart f’landfill ta’ Temploni (il-Greċja)”

- Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja – Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni – Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata*

(Artikolu 258 TFUE)

(ara l-punt 37)
- Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Prova tan-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Oneru li jaqa’ fuq il-Kummissjoni – Produzzjoni ta’ elementi li juru n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Konfutazzjoni li għandha ssir mill-Istat Membru inkwistjoni*

(Artikolu 258 TFUE)

(ara l-punt 38)
- Ambjent – Skart – Rimi ta’ skart f’landfill – Direttiva 1999/31 – Obbligu li tiġi żgurata l-istabbiltà tal-kwantità kbira ta’ skart – Portata – Qbiż tal-ġholi massimu previst fid-dritt nazzjonali – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Ksur tal-obbligi ta’ konformità ta’ landfill mar-rekwiżiti tad-direttiva u tal-proċedura ta’ ammissjoni tal-iskart fis-sit ta’ landfill*

[Direttiva tal-Kunsill 1999/31, Artikoli 8(a) u 11(1), u Anness I, punt 6]

(ara l-punti 42-44)
- Ambjent – Skart – Direttiva 2008/98 – Obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw l-irkupru jew ir-rimi ta’ skart – Obbligu ta’ riżultat – Marġni ta’ diskrezzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri li għandhom jiġu adottati – Limiti – Persistenza ta’ sitwazzjoni mhux konformi matul tul estiż li twassal għal deterjorament sinjifikattiv tal-ambjent – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu*

<sup>1</sup> ĠU C 200, 6.6.2016.

*(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/98, Artikolu 13)*

*(ara l-punti 47-49)*

5. *Stati Membri – Obbligi – Implementazzjoni ta’ direttivi – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Ġustifikazzjoni bbażata fuq l-ordinament intern – Inammissibbiltà*

*(Artikolu 258 TFUE)*

*(ara l-punt 52)*

### **Dispożittiv**

- 1) **Billi ttollerat operat tas-sit ta’ rimi ta’ skart f’landfill ta’ Temploni (il-Greċja) billi ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta’ Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi, kif ukoll taħt l-Artikolu 8(a), l-Artikolu 11(1) u l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta’ April 1999, dwar ir-rimi ta’ skart f’terraferma.**
- 2) **Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.**